MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 1/2006

**Servolo Sciberras**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Dicembru, 2005, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra d-decizjoni appellata.

Ra l-ittra ta' l-appell.

Ra r-Risposta tad-Direttur.

Ikkunsidra

Illi l-appellant applika ghall-Pensjoni tal-Wens izda din l-applikazzjoni giet michuda stante li l-pazjenta in kwisjtoni m’ hijiex kostretta tghaddi hajjitha fis-sodda jew f’ *wheelchair*.

Illi l-appellant applika ghal dan il-beneficcju ghaliex huwa mar jiehu hsieb ommu ta’ 71 wara li miet missieru. Precedentement huwa kien jghix wahdu u kien jibbenefika mill-Assistenza Socjali. Dan l-ahhar beneficcju gie lilu mwaqqaf peress li mill-mument li huwa mar jghix ma’ ommu huwa ma baqax jifforma familja ghal rasu.

L-Artikolu 68 tal-Kap. 318 jispecifika inekwivokabilment li sabiex persuna tkun tista’ tibbenefika mill-Pensjoni ghall-Wens il-pazjenta trid tkun jew *bed ridden* jew kostretta f’ *wheelchair.* Mic-certifikati medici sottomessi mill-appellant stess jirrizulta kjarament li omm l-appellant la hija kostretta f’ *wheelchair* u l-anqas hija *bedridden.* Waqt it-trattazzjoni ta’ l-appell l-appellant ikkonferma li ommu ma ssofri minn ebda wahda minn dawn il-kundizzjonijiet izda qal ukoll li l-kundizzjoni medika taghha hija tali li hija ma tistax tithalla tghix wahidha.

Sfortunatament l-Artikolu 68 hawn fuq imsemmi huwa car u ma jaghti lok ghal ebda interpretazzjoni ulterjuri. Il-ligi tispecifika car u tond li l-pazjenta trid tkun *bedridden* jew *wheelchair bound* u ma ssemmi ebda kundizzjoni medika ohra. Id-decizjoni mehuda mid-Direttur hija ghalhekk gustifikata u ser tigi konfermata. L-Arbitru izda qed tordna komunika ta’ din id-decizjoni lil Ministru ghall-Politika Socjali u Familja stante li tirritjeni li jista’ jkun hemm lok ghal revizjoni ta’ l-Artikolu 68 stante li jezistu diversi kundizzjonijiet medici ohra li jolqtu lill-anzjani u li ma jippermettulhomx aktar jghixu wahidhom. Altrimenti tista’ ssir emenda fil-ligi rigwardanti l-beneficcju li prezentement jinghata biss lil xebbiet li jduru b’ marid fid-dar sabiex tali beneficcju jinghata wkoll lil guvintur li jkunu qed iduru b’ marid.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata konfermata.”

Minn din is-sentenza appella r-rikorrenti Servolo Sciberras. L-aggravju tieghu jirpoza fuq l-konsiderazzjoni illi l-Arbitru naqas milli jiddeciedi l-appell tieghu quddiemu skond il-principji tal-gustizzja u ekwita` kif provvdut fl-Artikolu 108 (9) ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali;

Mill-atti tal-kaz jirrizulta illi d-direttur appellat cahad l-applikazzjoni ta' l-appellanti ghall-Pensjoni tal-Wens billi ma hassux sodisfatt li l-appellanti kien jikkwalifika ghaliha fit-termini ta' l-Artikolu 68 (1) ta' l-Att imsemmi. Bazikament, huwa deherlu li ma giex ipprovat lilu li omm l-appellanti kienet persuna nfermi kostretta li tghaddi hajjitha f' sodda jew f' *wheelchair*. Apparentement, l-appellat iddeduca dan fuq l-istregwa tad-dettalji medici tat-Tabib Godfrey Agius indikati lilu fil-formula ta' l-applikazzjoni;

Fid-decizjoni taghha l-Arbitru ma sabet xejn li ggeghlha tiddisturba l-apprezzament tal-prova li ghamel id-Direttur appellat u anzi qablet mieghu illi c-cirkostanzi fattwali tal-kaz kienu tali li jiggustifikaw il-valutazzjoni maghmula fl-ambitu ta' dak dettat fl-Artikolu 68 (1) imsemmi. L-ilment ta' l-appellant hu dirett kontra din id-decizjoni. Permezz tieghu huwa qed jistieden lil din il-Qorti biex tirriezamina l-kaz fil-parametri ta' l-espressjoni "<u>skond il-principji tal-gustizzja u ekwita`</u>" li biha jiccensura l-gudizzju ta' l-Arbitru. Espressjoni din familjari, kif manifest fl-Artikolu 21 (1) ta' l-Att XXVIII ta' l-1994 dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Anke hawn it-Tribunal hu moghti b' attribut li jaqta' l-kwestjoni quddiemu skond kull meritu u gustizzja sostantiva tal-kaz u skond l-ekwita`;

Fil-hsieb tal-Qorti dak li jidher li l-legislatur kellu *in forma mentis* meta ddetta d-disposizzjoni tal-ligi kien dak li fil-gudizzju arbitrali l-gustizzja u l-ekwita` tigi ottenuta minn addattament tal-principji guridici ghall-pekuljarita` tal-fattispeci partikulari. Li jimplika allura valutazzjoni

specifika, libera u elastika diversament milli kieku l-kaz ikun qed jigi mistharreg u definit minn qorti kontenzjuza. F' dan is-sens l-ekwita` li ghaliha jirreferi t-test tal-ligi fl-Artikolu 108 (9) tal-Kapitolu 318 ragonevolment tikkonsisti fl-ezercizzju li wiehed jiddevja mir-rigur tas-*summum ius* fir-relazzjoni ma' dawk l-elementi u c-cirkustanzi partikulari tal-kaz. Fi kliem iehor l-Arbitru huwa, skond il-vot tal-ligi, fakoltizzat li jirrikorri ghal kriterji u principji ta' prudenza u ta' opportunita` li skond il-kuxjenza tieghu jinhassu li huma aktar ekwi;

Affermat dan, dejjem fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, il-gudizzju skond il-principji ta' gustizzja u ta' ekwita` ma ghandux ifisser, imbaghad, illi ma ghandhomx jitharsu jew jigu applikati n-normi tal-ligi jew li l-Arbitru hu ghal daqshekk prekluz milli jaghmel l-interpretazzjoni teknika-guridika tal-provvediment applikabbli. Id-decizjoni skond l-ekwita` tirreferi ghall-mertu tal-kwestjoni u ma jidherx li hu koncess jew aspettat li b' dik ir-regola ta' gudizzju jinterpreta b' mod approssimattiv jew skond kif jaqbillu d-disposizzjoni tad-dritt jew, li hu aghar, li jaghlaq ghajnejh u jivvjola norma ta' dritt sostanzjali;

L-Arbitru ma jistax jiskonfina fl-arbitriju billi jinjora l-ligi jew jiddeciedi 'l barra minnha. Huwa ghandu dejjem, filwaqt li jhares il-principju nformatur tal-materja, jaspira ruhu ghad-dixxiplina normativa sostantiva. Hi anzi l-opinjoni ta' din il-Qorti illi l-principji ta' gusitizzja u ta' l-ekwita` ma jistghux, u ma ghandhomx, jitqeghdu f' kuntrast mal-principji tal-legalita`. Bir-rispett kollu dak li jippretendi li ghandu jsir l-appellanti f' dan il-kaz huwa li l-Arbitru, u issa din il-Qorti, ma ghandhomx japplikaw il-ligi kif isibuha imma jaghmluha ta' legislaturi b' mod li l-kaz tieghu jigi jirrientra wkoll fid-dispost ta' l-Artikolu 68 (1) ghall-otteniment tal-beneficcju socjali pretiz. Tali pretensjoni, kif sewwa irrileva l-Arbitru, tista' tkun valida *de lege condenda* izda mhux ukoll *de lege condita*;

Fil-hsieb tal-Qorti, imbaghad, l-infermita` li jippreciza dan il-provvediment ghandha rabta ma’ stat patologiku li jinfluwixxi f’ sens negattiv fuq il-mobilita` tal-qarib li taghha l-appellant, fuq bazi *full-time* u regolarment, ikun qed jiehu kura taghha.  Gjaladarba f’ dan il-kaz gie stabbilit li omm l-appellanti ma ssofriex minn stat simili, il-principju ta’ l-ekwita` desiderat ma jistax jigi adoperat biex jikkolma l-lakuna dwar infermitajiet ohra li l-ligi fl-artikolu predett ma tipprovdix dwarhom.  Anke jekk tissimpatizza mal-qaghda ta’ l-appellant, mhux il-kaz allura li din il-Qorti titbieghed mir-ragonament u l-konkluzjoni ta’ l-Arbitru.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tikkonferma s-sentenza ta’ l-Arbitru f’ dan il-kaz, tirrespingi l-appell sottomess lilha.  L-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------